MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1582/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Antonia Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talbiet attrici ghall-hlas ta' Lm428.50 (erbgha mija u tmienja u ghoxrin lira maltin u hamsin centezmu) dovuti ghall-kontijiet pendenti ta' dawl u ilma.**

**Bl-ispejjes tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Dicembru, 2002 u bl-interessi kontra l-istess konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u**

**b'hekk il kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta fit-23 ta' Ottubru, 2003 naqset u ma dehritx meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------